29 OCT 2021

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 551**

**L-Erbgħa 6 t'Ottubru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fil-11.10 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**551.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

551.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

551.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

551.1.3 Fil-11.15 is-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa.

**551.2 Kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019)**

551.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza minħabba li l-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019) kien informa lill-Kunsill illi ma kienx ser iġedded il-kuntratt eżistenti. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ilu li approva dan it-tiġdid iżda l-kuntrattur ma' kienx ġie jiffirma l-kuntratt. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien qed ikollu problema sabiex isib il-kolletturi tal-iskart speċjalment matul il-ġurnata ta' nhar ta' Tnejn.

551.2.2 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart domestiku.

551.2.3 Is-Sindku talab lill-Kunsill biex sakemm jitlesta l-proċess għas-sejħa tal-offerti għall-ġbir ta' skart domestiku tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jingħata konċessjoni jagħti *direct order*. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni mingħand is-Sur David Grech sabiex jiġbor l-iskart domestiku li kienet tammonta għal €2,400 fil-ġimgħa. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond il-linji gwida 3.5 biex il-Kunsill jingħata konċessjoni jitlob is-servizz tas-Sur David Grech sabiex jiġbor l-iskart domestiku b'*direct order* sakemm jitlesta l-proċess għas-sejħa tal-offerti għal-ġbir ta' skart domestiku.

551.2.4 Il-laqgħa spiċċat f'nofsinhar nieqes kwart.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-552 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 t' Ottubru, 2021

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku